MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 3486/1996/1

**Improved Design Limited**

**vs**

**ITC Limited**

**Il-Qorti,**

**Preliminari:**

B’citazzjoni ppresentata fis-16 ta’ Dicembru, 1996 is-socjeta` attrici ppremettiet illi s-socjeta` konvenuta tinsab debitrici taghha fis-somma ta’ elfejn disa’ mija u sebgha u hamsin lira Maltin u hamsin centezimu (LM2957.50), rappresentanti l-import ta’ erbatax-il kambjala skaduti u dovuti lis-socjeta` attrici; illi b’kagun ta’ din l-inadempjenza tas-socjeta` konvenuta, is-socjeta` attrici giet obbligata thallas “holding charges” lill-Bank of Valletta Limited, fl-ammont ta’ erba’ mija tmienja u sittin lira maltin u wiehed u sittin centezimu (LM468.61), kif jidher mid-dokument ‘O’ ezebit mac-citazzjoni; illi nonostante interpellata thallas dan l-ammont komplessiv ta’ tlett elef, erba’ mija sitta u ghoxrin lira maltin u hdax-il centezimu (LM3,426.11) dovut minnha, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi; ghalhekk is-socjeta` attrici talbet li din il-Qorti:-

1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta’ elfejn disa’ mija seba’ u hamsin lira maltin u hamsin centezimu (LM2957.50) rappresentanti l-import ta’ erbatax-il kambjala skaduti u dovuti lis-socjeta` attrici;
2. tiddikjara illi b’kagun tal-inadempjenza tas-socjeta` konvenuta, is-socjeta` attrici giet obbligata thallas “holding charges” lill-Bank of Valletta Limited, fl-ammont ta’ erba’ mija tmienja u sittin lira maltin u wiehed u sittin centezimu (LM468.61);
3. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex tirrifondi ossija thallas lis-socjeta` attrici din is-somma ta’ erba’ mija tmienja u sittin lira maltin u wiehed u sittin centezimu (LM468.61).

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta’ April, 1996 u tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali b’effett mid-data ta’ l-iskadenza ta’ kull kambjala, sal effettiv pagament, kontra s-socjeta` konvenuta, ingunta ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fil-11 ta’ Lulju, 1997 is-socjeta` konvenuta eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti ghaliex il-kambjali jirrapresentaw xogholijiet li ma sarux skond l-arti u s-sengha.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kambjali li ma thallsux kienu 12 u mhux 14.
3. Illi, minghajr pregudizzju, l-ammont in ogni caso ma jirrispekkjax il-valur tax-xoghol ezegwit, minhabba li s-socjeta` attrici kienet hadet xi xoghol lura u ta' dawn qatt ma nhargu credit notes.
4. Illi, fi kwalunkwe kaz, kwalsiasi ammont dovut lis-socjeta` attrici gie pacut ma somom ohra u akbar dovuti mill-istess socjeta` attrici lis-socjeta` esponenti.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tas-6 ta' Dicembru, 2000 il-Prim Awla tal-Qorti Civili wara li cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, laqghet it-talbiet attrici, bl-ispejjes kontra l-konvenuti u dana b'riserva ghal kwalunkwe azzjoni spettanti lill-konvenuti rigwardanti kull ammont iehor li l-konvenuti setghu hallsu lill-atturi u li ma tnaqqasx, u dana wara li qalet hekk:-

*"Illi l-azzjoni hija wahda kambjarja (ara premessi u talbiet).*

*L-eccezzjonijiet li huma personali ghall-pussessur tal-kambjala ma jistghux idewmu l-hlas taghha, jekk ma jkunux likwidi u li jistghu jinqatghu malajr fil-kawza li tkun miexja.*

*Jekk dawn l-eccezzjonijiet ikunu jehtiegu ezami fit-tul, is-smigh taghhom isir f'kawza ghaliha, u sadanittant, il-kundanna ghall-hlas tal-kambjala, bil-garanzija jew minghajrha, skond ma jidhrilha l-Qorti, m'ghandhiex tkun imdewma. Art. 198 Kap 13.*

*L-iskop tal-ligi huwa carissimu. Il-kawza proposta a bazi ta' kambjala ghandha tigi mill-Qorti ttrattata bl-aktar celerita` possibili. Il-kummerc jitlob il-heffa u l-ghalgla fil-kontrattazzjonijiet u s-soluzzjoni guridika taghhom. Ghalhekk f'azzjoni kambjarja l-eccezzjonijiet ghandhom ikunu limitati u ristretti ghad-dokument stess (il-kambjala) u m'ghandhomx jidhlu fil-kamp ta' obbligazzjonijiet ohra. L-azzjoni kambjarja ghandha hajja ghal kollox indipendenti minn kwanlunkwe obbligazzjoni li setghet*

*ippreceditha jew obbligazzjoni li setghet iggenerat. L-obbligazzjonijiet emergenti huma dawk li johorgu mis-semplici firem tal-persuni li jidhru fuq il-kambjala (ara sentenza Kum. JMB Portelli vs Sullivan 17/10/89).*

*Dwar l-eccezzjoni tal-konvenuti li t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti billi l-kambjali jirrapresentaw xogholijiet li ma sarux skond is-sengha u l-arti, il-Qort tiddeciedi li dina l-eccezzjoni ma tistax tigi mressqa f'azzjoni kambjarja billi dina hija eccezzjoni personali ghall-pussessur tal-kambjala u mhux ristretta ghall-kambjala.*

*Fl-eccezzjoni l-ohra l-konvenuti qed jghidu li l-kambjali li ma thallsux kienu tnax (12) u mhux erbtax (14). Catherine Guillaimer xehdet li l-kambjali saru fuq xoghol li kien qed isir fuq il-post tal-ITC. Il-kambjali kienu bdew jithallsu skond kif kien qed isir ix-xoghol u ma tkomplewx jithallsu peress illi x-xoghol kien qed isir hazin. Ma hallsux tnax (12), mentri l-atturi qed jitolbu hlas ta' erbatax (14). Jigifieri l-ewwel raguni li gabu l-konvenuti ghaliex ma thallsux il-kambjali kienet minhabba allegat xoghol hazin.*

*Imbaghad gabu raguni ohra li l-kambjali tal-1995 kienu thallsu ghax meta ghamlu l-kuntratt li bih saru l-kambjali ma ttiehdux in konsiderazzjoni l-interim payments li kienu ghamlu qabel.*

*Il-konvenuti eccepew ukoll li kwalsiasi ammont dovut lis-socjeta` attrici gie pacut ma' sommom ohra u akbar dovuti mill-istess socjeta` attrici lill-eccipjenti.*

*L-eccezzjoni tal-konvenuti dwar tpacija ma tistax tregi ghax l-ammont li l-konvenuti qed ighidu li diga hallsu hu kontestat mill-atturi.*

*Illi in tema legali, gie ritenut mill-Qrati taghna li l-kompensazzjoni ssir 'ipso jure' u anke minghajr ma jafu d-debituri, hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, jinqatlu wiehed bl-iehor safejn ikunu ndaqs. Izda l-kompensazzjoni ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha 'ipso jure' ghar-rigward tal-krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra.*

*Is-socjeta` konvenuta ppresentat lista ta' tmien pagamenti li allegatament saru lis-socjeta` attrici Dok A fol 79. Hames cheques bid-dati bejn il-hamsa (5) ta' Dicembru, 1992 u tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru, 1992, u tlett cheques ohra bid-dati bejn id-disgha (9) ta' Gunju, 1994 u l-hmistax (15) ta' Gunju, 1994 ammontanti ghal-elf, disa' mija u tlieta u hamsin liri maltin (LM1,953.00). L-ammont rimanenti rikjest huma interessi debitati darbtejn Dok B.*

*L-atturi jghidu li dawn ic-cheques m'ghandhomx x'jaqsmu mal-kambjali in kwistjoni. Dok 1A sa 5A kienu pagamenti ta' invoice separat u distint mill-kambjali mertu ta' din il-kawza. Dan l-invoice kien in-numru dsatax (19) u datat sebgha w ghoxrin (27) ta' Ottubru, 1992 fis-somma ta' elf, mitejn u hamsin liri maltin (LM1,250) Dok FMA fol. 90. Id-Dok 6A sa 8A huma pagament tal-kambjali EO2 sa EO4 fl-ahhar kolonna tal-Bill Contracts Statement a fol 71. Ic-cheques indikati bhala 271 u 272 qatt ma gew prezentati mis-socjeta` attrici u gew imnizzla hemm bi zball. Il-pagamenti li saru fl-1992 ma setghux ikunu ta' dawn il-kambjali ghax dawn kienu jaghlqu fl-1995 u ma setghux thallsu qabel. (Ara fol 71 kolonna fil-parti tax-xellug tal-istatement.)*

*Illi l-konvenuti qed jippretendu li <u>parti</u> mill-ammont mitlub gie mhallas u bi zvista ma kienx ittiehed in konsiderazzjoni meta hargu l-kambjali u minkejja dana huma baqghu jaghmlu pagamenti akkont tal-kambjali l-ohra sussewgenti. Dan ifisser li huma qed jippretendu li kwalsiasi bilanc dovut fuq il-kambjali lill-atturi gie pacut b'dana l-ammont. Izda kif diga qalet il-Qorti aktar fuq dina t-tpacija ma tistax topera ghax hemm kontestazzjoni mill-atturi u mhux qed jigi accettat li kien sar xi pagament qabel li ghandu x'jaqsam ma' dawn il-kambjali. Inoltre l-konvenuti ma ppruvawx kif il-bilanc fuq il-kambjali, cioe` l-ammont eccedenti il-elf, mitejn u hamsin liri maltin (LM1,250), thallas.*

*Jidher ghalhekk il-kambjali in kwistjoni ghadhom ma thallsux u ghalhekk anke il-holding charges huma dovuti."*

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors ppresentata fis-26 ta' Dicembru, 2000 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti ghandha tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu laqghet it-talbiet attrici u minflok tiddecidi l-kawza billi prevja li tichad it-talbiet tas-socjeta` appellata, tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` appellanti. Bl-interessi (sic) u bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata attrici.

Fir-risposta taghha s-socjeta` attrici appellata sottomettiet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell hekk interpost mis-socjeta` konvenuta jimmerita li jigi michud u li l-istess sentenza tigi kkonfermata bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta.

Fir-rikors ta' l-appell taghha s-socjeta` konvenuta ghamlet rassenja dettaljata tal-fatti tal-kaz kif jirrizultaw mill-atti processwali kompliet biex issottolineat zewg aggravji ghas-sentenza appellata u cioe`:-
a) Illi l-ewwel qorti kienet zbaljata meta accettat dokument <u>kreat biss ai fini ta' din il-kawza.</u> (sottolinear ta' din il-Qorti)
b) Illi l-ewwel qorti wkoll ma kienetx korretta meta ikkonkludiet li l-fattura (imsemmija fl-ewwel aggravju) kienet tirriferi ghall-1992 u ghalhekk il-hlasijiet bil-fors saru f'dan iz-zmien mentri l-kambjali in kwistjoni jirriferu ghan-1995. Dan ghaliex, skond is-socjeta` appellanti, l-ammonti li thallsu u ma kienux konteggjati kienu l-interim payments tal-bidu, li prova taghhom ingabet, biss gew skartati mill-qorti.

**Is-sentenza ta' din il-Qorti.**

Wara ezami akkurat tas-sentenza appellata kif ukoll tal-atti kollha tal-kawza din il-Qorti ma tara ebda raguni li tista' tiggustifika l-akkoljiment ta' l-appell tas-socjeta` konvenuta. Hu xieraq li jigi osservat li s-sentenza appellata tissottolinea b'mod konciz u ghal kollox korrett il-

principji legali li jemanaw mill-ligi u mill-gurisprudenza li ghandhom jiggwidaw il-gudikant f'proceduri marbuta ma' kambjali. Inoltre, jigi wkoll rilevat li, ghal dawk li huma konstatazzjonijiet ta' fatt huwa principju stabbilit li din il-Qorti ma ghandhiex tiddisturba l-konkluzzjonijiet tal-Qorti ta' l-ewwel grad sakemm ma jirrizultax xi zball manifest jew xi ingustizzja. Il-pronunzjamenti ta' l-ewwel qorti la jidhru li huma zbaljati u lanqas ma tirrizulta xi ngustizja.

Jigi osservat inoltre li l-aggravji mressqa fir-rikors ta' l-appell ma ghandhom ebda relazzjoni mal-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha u fuq liema l-ewwel qorti ppronunzjat ruhha. Fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha s-socjeta` konvenuta ssollevat principalment eccezzjonijiet personali ghall-pussessur tal-kambjali kif jidher fl-ewwel, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet, mentri issa, wara li dawn l-eccezzjonijiet gew michuda bl'aktar mod kategoriku mill-ewwel Qorti, qed jigi eccepit il-pagament in kwantu qed jigi allegat li pagamenti li saru, u ma gewx akkreditati, kienu relatati ma' ammonti rappresentati fil-kambjali u mhux marbutin ma' "fattura" li, qed jigi allegat wkoll, li hija fittizja.

Huwa fatt li s-socjeta` attrici ghandha fil-pussess taghha numru ta' kambjali mahruga u ffirmati mis-socjeta` konvenuta appellanti u liema kambjali jiffurmaw il-meritu ta' din il-kawza. Jirrizulta wkoll li oltre dawn il-kambjali kien hemm kambjali ohra li gew onorati u li, mall-hlas taghhom, gew moghtija lura lis-socjeta` konvenuta debitrici kif kien obbligu tas-socjeta` attrici skond ma jipprovdi l-artikolu 244 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa ghalhekk inkoncepibbli dak li qed jigi suggerit mis-socjeta` appellanti, u cioe` li saru xi pagamenti fuq il-kambjali meritu ta' din il-kawza u ma ntalbitx il-kunsinna taghhom mal-hlas. Il-pussess tal-kambjali f'idejn il-kreditur jghati lill-istess kreditur id-dritt li jitlob l-hlas taghhom u, kif jiddisponi l-Artikolu 199 tal-Kap13, ma tista' issir ebda opposizzjoni ghall-hlas taghhom hlief fil-kaz ta' telf tal-kambjali jew ta' falliment tal-pussessur, eccezzjonijiet dawn li ma nghatawx.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, qedha tichad l-appell tas-socjeta` konvenuta bl-ispejjes kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------